**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 11 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**Vs**
**CARMELHARTLEY**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Carmel Hartey**, detentur ta' karta tal-identita' numru 346071M; fejn gie akkuzat talli fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Marzu, 2018, mill-fond nru. 54, *Milord Tracy*, Triq Biccieni, Sqaq nru. 8, Zabbar, flimkien ma persuna ohra:

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti, gojjellerija u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Alfred Darmanin u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250), u liema hsara

saret ghad-dannu ta’ Alfred Darmanin u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

3. Finalment, nakkuzawh ukoll, talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tal-bierah ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni fl-udjenza tal-lum stess wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tal-lum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza tal-bierah, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu. Ghall-finijiet tal-piena u/jew sanzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu esebita in atti, il-koperazzjoni li l-imputat ta lill-investigaturi u l-fatt li huwa ta d-depozizzjoni tieghu bil-gurament fl-udjenza tal-lum stess fejn huwa spjega l-involviment tieghu f’dan il-kaz u dak ta’ terzi. Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa in-natura serja tal-imputazzjonijet. L-imputat talab ghall-klemenza ta’ din il-Qorti fis-sens illi huwa jixtieq li din il-kawza tasal fi tmiem taghha u kien anzjuz li tghaddi l-effett tas-sansjoni kemm jista

jkun malajr sabiex huwa jkun jista jirriintegra ruhu f'hajja normali. Huwa zvela li hu ghandu tlett itfal ilkoll dipendenti fuqu.

Dawn huma lkoll fatturi li ser jigu riflessi fis-sanzjoni ikkontemplata mill-Qorti.

**Decide**.

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263(a)(b), 264(1), 266(1), 267, 269(g), 270, 278(2)(3), 279(b), 280(2), 281(b), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil **Carmel Hartley** fuq ammissjoni tieghu stess, bhala recidiv, hati tal- imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' hmistax-il xahar (15) prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur